**FONDAZZJONI GHAL SERVIZZI EDUKATTIVI**

# Il-Ħidma tal-Fondazzjoni fil-qasam tal-Parteċipazzjoni tal-Ġenituri fl-Edukazzjoni

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) hija aġenzija pubblika li taħdem mill-qrib mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u ma' entitajiet oħra bħall-Kunsilli Skolastiċi u Kunsilli Lokali. L-għan tal-Fondazzjoni hu li jinħolqu opportunitajiet edukattivi ġodda li jikkumplimentaw dak kollu li qed isir sabiex jiġi żgurat li ħadd ma' jaqa' lura fit-tagħlim. Wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Fondazzjoni hu li tirrikonoxxi lill-ġenituri bħala sħab importanti f'dak kollu li tagħmel u li taħdem id f'id magħhom.

## IL-PROGRAMM ID f'ID

Permezz ta' dan il-programm, il-Fondazzjoni toffri firxa ta' opportunitajiet li bihom il-ġenituri jistgħu jipparteċipaw fil-qasam edukattiv. **X'joffri il-Programm Id f'Id?**:

A. **Iħarreġ *Għalliema-Animaturi*** biex dawn jaħdmu id f'id mal-ġenituri sabiex ikunu f'qagħda aħjar li jipparteċipaw b'mod ħaj u attiv fl-iskejjel, fil-Kunsilli Skolastiċi, fis-sotto-kumitati dwar l-edukazzjoni fi ħdan il-Kunsilli Lokali, fil-komunita', fit-tagħlim ta' uliedhom id-dar.

B. **Iħarreġ għalliema** kif ukoll studenti-għalliema f'metodi li jistimulaw u jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fil-qasam edukattiv.

C. Flimkien ma' l-iskejjel, il-Fondazzjoni toħloq opportunitajiet fejn:

- Il-ġenituri stess joħolqu **laqgħat ta' diskussjoni** dwar temi li jolqtu l-edukazzjoni ta' wliedhom.
- *Għalliema-Animaturi* jaħdmu ma' ġenituri biex ifasslu u jmexxu korsijiet qosra ta' taħriġ prattiku. Dawn il-**korsijiet *Mill-Ġenituri għall-Ġenituri*** jiffukaw fuq temi magħżula mill-ġenituri stess dwar kif jgħinu lil uliedhom fl-edukazzjoni kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola. Il-korsijiet ikunu mmexxija minn ġenituri mħarrġa u jkunu ggwidati mill-*Għalliema-Animaturi*.
- Ġenituri mħarrġa jiffurmaw parti mis-**servizz *NindokraPlus*** li joffri childminding matul il-korsijiet msejħa *Mill-Ġenituri għall-Ġenituri*.
- Il-ġenituri jiksbu **taħriġ biex jindukraw** lit-tfal waqt il-korsijiet tal-Fondazzjoni għall-ġenituri.
- Il-ġenituri jistgħu jitħarrġu bħala **Ġenituri Mexxejja** (l-ewwel kors spiċċa f'Jannar 2005).
- Il-ġenituri jieħdu **sehem fi żvilupp ta' proġetti** edukattivi fil-komunita' bi sħab ma' għaqdiet u entitajiet fil-lokal. F'dawn il-proġetti, ġenituri mill-lokal jingħataw opportunita' li jiksbu ħiliet ġodda u jużawhom għall-ġid tal-komunita' tagħhom.

D. **Festival tal-Familja**: matul il-Festival, ġenituri jmexxu workshops fuq temi li jkunu irriċerkaw qabel. Iħejju wkoll esibizzjoni tal-kisbiet edukattivi tagħhom u ta' uliedhom. Ikun hemm bosta attivitajiet għat-tfal.

E. **Il-Magażin Id f'Id Niċċelebraw** joħroġ kull sena għall-familji li jkunu ħadu sehem attiv f'wieħed jew aktar mill-programmi edukattivi tal-Fondazzjoni.

F. **Portafoll tal-Ġenituri ta' Tagħlim Matul il-Ħajja**: Dan huwa mezz kif il-ġenituri jiċċelebraw il-kisba ta' ħiliet ġodda. Iservi wkoll biex huma jirriflettu fuq dak li seħħilhom jilħqu s'issa waqt li jippjanaw forom oħra ta' żvilupp personali u ta' impieg.

G. **Education Channel 22**: Ġenituri li ħadu sehem fil-programmi tal-FES regolarment qed jaqsmu l-esperjenzi, l-attivitajiet u ħiliet tagħhom fuq dawn il-programmi ta' l-Education Channel 22: ***Sibtilfamilja*** (kull nhar ta' Sibt bejn it-3.30 u l-5.30)u ***22AM*** (kuljum bejn id-9.00 u l-1.a.m.).

## IL-PROGRAMM ĦILTI

Wieħed mill-elementi ta' dan il-programm huwa **Klabb Ħilti.** Dan il-Klabb joffri lill-ġenituri opportunita' unika li jieħdu sehem ma' uliedhom f'attivitajiet fejn it-tfal jieħdu gost jitgħallmu f'ambjent ta' Klabb. Klabb Ħilti jiftaħ wara l-ħin ta' l-iskola darbtejn fil-ġimgħa bejn is-2.30 u l-4.30pm. f'numru ta' skejjel primarji ta' l-istat. It-tfal jipparteċipaw f'attivitajiet interessanti bħal drama, arti, *crafts*, edukazzjoni fiżika u tisjir. Il-ġenituri tagħhom jiltaqgħu fi grupp ma' għalliem li jiddiskuti magħhom metodi prattiċi li jistimulaw il-ħajra għall-kitba, qari, u studju. B'dan il-mod, il-ġenituri jibnu fuq dak li l-għalliema jgħallmu fil-ħin ta' l-iskola. It-tfal, min-naħa tagħhom, jissaħħu fil-ħiliet soċjali u akkademiċi inklużi l-kitba, il-qari u l-matematika. Żewġ pubblikazzjonijiet ta' interess huma iż-żewġ gwidi bil-Malti u bl-Ingliż għal ġenituri dwar x'attivitajiet ta' qari u kitba jistgħu jorganizzaw id-dar marbuta ma' temi ta' kotba partikolari. Dawn jisimbjom *Għajnuna għall-Ġenituri biex jużaw is-sett ta' qari Ħilti Teżor għal tfal ta' 6 u 7 snin* u *Għajnuna għall-Ġenituri biex jużaw is-sett ta' qari Ħilti Teżor għal tfal ta' 7 u 8 snin.*

## IL-PROGRAMM NWAR

Dan huwa servizz li jingħata lill-familji li t-tfal tagħhom għandhom bżonn għajnuna fil-kisba tal-ħiliet bażiċi. Huwa immirat lejn tfal fl-aħħar snin tal-primarja u l-ewwel snin tas-sekondarja li għadhom ma tgħallmux jiktbu u jaqraw. Dan is-servizz jingħata f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Din hi opportunita' oħra għall-ġenituri biex jappoġġjaw lil uliedhom fil-mixja edukattiva tagħhom. Il-ġenituri jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dan is-servizz.

## IL-MALTA WRITING PROGRAMME

Dan huwa servizz ieħor tal-Fondazzjoni li joffri taħriġ fil-kitba kreattiva kemm lill-ġenituri u uliedhom kif ukoll lill-għalliema. Fost l-inizjattivi ta' dan il-programm hemm il-**Klabb Kittieba Ġenituri** u l-**Klabb Kittieba Żgħar** għal tfal ta' bejn it-8 u 13-il sena. Il-Klabb Kittieba Ġenituri u l-Klabb Kittieba Żgħar li jmiss se jibdew mid-9 ta' April li ġej sal-11 ta' Ġunju 2005 kull nhar ta'Sibt fl-iskola Primarja A Salvinu Spiteri fi triq Vinzenzo Buġeja, il-Ħamrun. Ħlas: Tfal -Lm12; Ġenitur/koppja – Lm12.

**Xalata ta' Kitba fil-Familja**: Il-parteċipanti jkollhom iċ-ċans li jintilfu f'esperjenza ta' kitba kreattiva għall-familja kollha. Ġenituri u uliedhom jaħdmu flimkien, jesprimu l-idejat tagħhom permezz tal-kitba waqt li jaqsmu kitbiethom biex isiru jafu u jifhmu aħjar lil xulxin. Li jmiss se tkun fil-21 u 22 ta' Ottubru 2005.

Kull min jixtieq aktar tagħrif dwar dawn l-opportunitajiet u servizzi jista' jikkuntattjana fl-indirizz postali, numri tat-telefon jew email mwp.fes@gov.mt

## ĊENTRI FIL-KOMUNITA' TA' TAGĦLIM GĦAL MATUL IL-ĦAJJA

Bi sħab ma' Kunsilli Lokali, Kunsilli Skolastiċi, parroċċi u għaqdiet volontarji attivi fil-lokal, il-Fondazzjoni qed tiftaħ numru ta' Ċentri ta' Tagħlim għal Matul il-Ħajja. Permezz ta' dawn iċ-Ċentri, żgħażagħ u adulti jistgħu jgħinu, b'xewqat u idejat, biex jinħolqu opportunitajiet ġodda fil-lokal tagħhom stess. Uħud miċ-Ċentri huma f'B'Kara, Ħaż-Żabbar, il-Hamrun, l-Isla, iż-Żejtun u lokalitajiet oħra. Għal aktar tagħrif, ċemplu lill-Mark fuq in-numru 2145 5600/7 Ext. 139 jew 9947 2651. Tistgħu wkoll tiktbulna fuq dan l-email: **communitylearning.fes@gov.mt**

## KORSIJIET QOSRA GĦALL-ĠENITURI

Mehmuż ma' dan il-fuljett issibu fuljett ieħor tal-Fondazzjoni bit-titlu Korsijiet Qosra – Xitwa u Rebbiegħa 2004-2005. Kif tifhtuħ, issibu żewġ paġni sħaħ li jfissru numru ta' korsijiet qosra għall-ġenituri. Agħtuh daqqa t'għin u applikaw!

**-------------------------**